MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2008

Numru 866/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Ramon Cassar**
**v**

**KEITH BEZZINA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KEITH BEZZINA** ta' dsatax il-sena bin Joseph u Patricia nee Fenech, imwieled Pieta nhar l-hdax ta' April 1989 u residenti 'Kola House', Plot 75, Triq is-Saghjtar, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 176789M, kien gie mressaq quddiemha akkuzat talli bejn t-tlieta u l-erbgha ta' Lulju 2004 ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu fil-Mosta kkommetta serq ta' *diesel* ghad-dannu ta' 'Fort Block Limited', liema serq kien aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet premessi nhar d-disgha w ghoxrin t'Awwissu 2007 w is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fil-konfront tal-

imputat odjern w ohrajn nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2005 esibita bhala Dok. CSH a fol. 23 et seq tal-atti odjerni kif wkoll l-fedina penali aggornata tal-imputat esibita bhala Dok. CSH 1 a fol. 19 tal-atti.

Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza jiddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghal atti processwali u dan fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2008.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat kien gie akkuzat principalment b'akkuza ta' serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin u kien instab hati minn din il-Qorti, permezz tas-sentenza fuq imsemmija tal-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2005, meta nghata *probation* taht l-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin minn dik d-data.

Illi jirrizulta mill-atti li effettivament l-imputat ikkommetta reat f'dan il-perjodu operattiv u cioe ikkommetta diversi serqiet minn inhawi differenti bejn il-perjodu tat-tlieta ta' Novembru 2006 w is-sebgha ta' Novembru 2006 w instab hati mill-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar d-disgha w ghoxrin t'Awwissu 2007 (fol 1 et seq tal-atti).

Illi permezz ta' din is-sentenza tad-disgha w ghoxrin t'Awwissu 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali baghtet l-atti quddiem din il-Qorti sabiex tittratta mal-imputat ghal ksur tal-*probation*.

Ikkunsidrat wkoll li l-piena li tista tapplika din il-Qorti ghar-reat li sabitu hati tieghu, tvarja minn disgha xhur sa massimu ta' tlett snin skond l-artikolu 276 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirrizulta mill-atti li l-imputat, fiz-zmien li kkommetta r-reat in kwistjoni, kellu hmistax il-sena u dan ghaliex huwa twieled fil-hdax t'April 1989 w ikkommetta s-serqa in kwistjoni fl-erbgha ta' Lulju 2004.

Ghaldaqstant, skond l-artikolu 37 tal-istess Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn.

Illi ghalhekk il-piena, jekk titnizzel b'zewg gradi, tigi bejn hames xhur u disgha xhur skond l-artikolu 31(1)(b)(xii).

Il-Qorti rat l-fedina penali aggornata tal-imputat esibita fl-atti bhala Dok. CSH 1 a fol. 19 u minn ezami taghha thoss li din il-Qorti ma tgawdix wisq fiducja fl-imputat fis-sens li ghalkemm l-imputat ghandu biss dsatax il-sena, illum diga ghandu tmien *convictions* registrati fuqha fuqa akkuzi ta' diversi serqiet aggravanti, ksur tal-ordnijiet moghtija lilu mill-Qorti permezz ta' sentenzi fejn inghata *probation*, *unconditional discharge* u sentenzi sospizi u dan in segwitu ghas-sentenza moghtija lilu minn din il-Qorti.

Ghalhekk il-Qorti thoss li l-imputat m'gharafx jisfrutta l-opportunitajiet moghtija lilu izda nsista li jkompli fit-triq tal-hajja kriminali li gia kellu qabel.

**Illi ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikolu 276 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-imputat KEITH BEZZINA ghal piena karcerarja ta' tmien (8) xhur mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------